MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Numru 1253/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs.**

**SIMON SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Simon Sammut ta' 42 sena iben Paul u Teresa nee' Xuereb imwieled il-Pieta' nhar it-11 ta' Ottubru 1967, Res: 115, 'Blessings', Triq l-Assemblea Nazzjonali, San Gwann, I. D. 0476567M.

Billi huwa akkuzat talli nhar it-13 ta' Ottubru, 2009 ghall-habta ta' 21.30hrs gewwa Triq il-Ganu, Birkirkara waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura bin-numru tar-

registrazzjoni DWS969 Renault, volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq bieb ta’ garaxx ta’ residenza No:-150, fi Triq Ganu Birkirkara ghad-dannu ta’ Alfred Sciberras minn Birkirkara jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja u hedded bi kliem lil konjugi Alfred u Tanya Sciberras u lil Charles Sciberras.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi mizuri ghas-sigurta’ ta’ Alfred u Tanya Sciberras u lil Charles Sciberras.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. NS3 u nnutat li l-imputat Simon Sammut m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum, il-Prosekuzzjoni, id-Difiza u l-parte civile iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat, l-ammont tal-hsara volontarja kagunata mill-imputat ghad-dannu ta’ Alfred Sciberras, hu ta’ Ewro 210.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li llum stess ihallas lill-

parte civile Alfred Sciberras l-ammont ta’ Ewro 210 inkwantu l-ewwel akkuza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(b) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Simon Sammut, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-Proceduri, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li llum stess ihallas lill-parte civile Alfred Sciberras l-ammont ta’ Ewro 210 inkwantu l-ewwel akkuza, tillibera lill-imputat Simon Sammut taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Matla, torbot lill-imputat Simon Sammut b’obbligazzjoni personali ta’ tmien mitt Ewro (Euro 800) li jzomm il-kwiet ma’ Alfred u Tanya Sciberras u Charles Sciberras ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Simon Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------